MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

## ONOR. IMĦALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2003

Mario Zarb
vs
Bank of Valletta Limited

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta  illi bejn id-9 ta’ Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u b'mod aktar preciz ghall-habta tat-8 ta' Mejju 1990, ir-rikorrent sofra ingustizzja fis-sens illi ma nghatax promozzjoni mill-Bank intimat, li kienet gustament tispetta lilu u dan peress illi gie diskriminat kontra, ghad illi indebitament gew preferuti nies li f'dawk li huma l-elementi li jirregolaw l-ghoti ta' dawn il-promozzjonijiet kienu f'sitwazzjoni ta’ inferjorita`.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:
- Ir-rikorrent kien impjegat bhala Manager B mal-Bank of Valletta Ltd.

- Illi b'cirkolari mmarkata 24/90 tat-8 ta' Mejju 1990 il-Bank intimat avza fost ohrajn liema "Assistant Managers" kienu nghataw promozzjoni minn 'Assistant Manager' ghall 'Manager I', b'kollox tmintax (18).

- Illi kien jidher illi l-Bank intimat ma kienx ta promozzjoni li kienet tixraq lir-rikorrent u dan kif kien ser jigi spjegat u muri.

- Illi l-Bank intimat huwa marbut bil-prattika tieghu stess kif ukoll bi Klawsola 14 tal-Ftehim Kollettiv vigenti mal-Movement of United Bank Employees u fiz-zmien in kwistjoni bi Klawsola 9 tal-Ftehim Kollettiv mal-General Workers' Union, li fil-promozzjonijiet ghandu jaghti konsiderazzjoni lill-mertu, kwalifiki, aptitudni, esperjenza u anzjanita` tal-persuni li jikkwalifikaw ghall-promozzjoni li tkun sejra tinghata.

- Illi meta thares u tanalizza l-lista ta' dawk li nghataw il-promozzjoni minn Assistant Manager ghall-Manager I wiehed facilment isib illi dawn il-promozzjonijiet ma nghatawx b'mod ekwu u gust u f' rispett ta' dawk il-parametri stabbiliti u applikabbli u b' hekk gieli saret diskriminazzjoni fil-konfront tar-rikorrent li f' dik li hija konsiderazzjoni ta' mertu, kwalifiki, aptitudni, esperjenza u anzjanita` kien ahjar minn numru ta' dawk li nghataw promozzjoni.
- Illi dwar kapacita` fix-xoghol ir-rikorrent dejjem kellu apprezzament mill-Bank intimat ghad illi dejjem ircieva rapporti favorevoli kif jistghu jixhdu l-ufficjali gholja tal-bank li hadmu mieghu jew gharrfu xogholu tul iz-zmien u kif jinsab dokumentat fl-'employee file' tar-rikorrent. Di piu` inghad illi r-rikorrent hadem f'kull sfera tal-attivita` u kummerc bankarju sabiex jippossjedi gharfien ta' l-aspetti kollha tal-attivita` bankarja.

- Illi dwar l-anzjanita` r-rikorrent kien igawdi fil-konfront ta' mill-anqas erba' minn dawk li nghataw il-promozzjoni, vantagg car.

- Illi f'dawk li huma kwalifiki r-rikorrent fil-mument li nghataw promozzjonijiet kellu fil-pussess tieghu kwalifiki bankarji fl-isfera ta' l-ACIB Diploma li jissuperaw dawk fil-pussess ta' mill-anqas erba' minn dawk li nghataw il-promozzjoni.

- Illi miz-zmien meta nghataw il-promozzjonijiet mertu tar-rikors promotur, ir-rikorrent ottjena certifikati ohra dejjem fl-isfera tal-ACIB Diploma.

- Illi in vista li l-promozzjoni ta' 'Manager I' giet negata b' mod ingust lir-rikorrent fit-8 ta' Mejju 1990, ir-rikorrent kellu, ghad jista' u jibqa' jkollu, u jhoss effett negattiv u ta' zvantagg fil-konfront ta' dawk l-Assistant Managers li hadu l-promozzjoni ingustament qablu u dan l-effett negattiv u zvantagg jekk ma jigix rimedjat b' mod effettiv u gust, jibqa' jipperpetwa ruhu bi pregudizzju indiskutibbli kontra r-rikorrent.
- Illi l-agir tal-Bank intimat fil-konfront tar-rikorrent kien u jibqa' wiehed abbuziv, diskriminatorju, illegali u bi ksur tal-Ftehim Kollettiv u kkawza, qieghed jikkawza u jibqa' jikkawza, tbatija u dannu lir-rikorrent, sakemm jigi opportunament rimedjat.

- Illi r-rikorrent sa minn meta nghataw il-promozzjonijiet ipprotesta mal-bank intimat u kiteb diversi ittri sabiex iressaq il-kaz tieghu, izda l-bank dejjem wera indifferenza u nuqqas ta' disponibilita baqa’ inadempjenti.

Illi r-rikorrent kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu, lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma’ u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi l-Bank intimat ghandu jaghti l-promozzjoni li kien haqqu r-rikorrent fit-8 ta' Mejju 1990 minn Assistant Manager ghall-Manager I u dan b' effett mit-8 ta' Mejju 1990, bir-rizultati u l-effetti li tali

promozzjoni ggib maghha fuq il-grad attwali tar-rikorrent, jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata, li jigi ordnat li jithallas lir-rikorrent kumpens f'ammont ta' hamest elef lira Maltin (Lm5000).

Ra l-lista tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tac-Chairman tal-Bank of Valletta Limited li eccepixxa:

1. It-talbiet rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda stante illi mhux minnu illi r-rikorrent gie maqbuz kif minnu allegat.

2. Illi inoltre, ghandu jissostanza l-allegazzjonijiet tieghu li permezz taghhom jindika li gew promossi xi persuni illi ma kienux jissodisfaw il-kriterji vigenti fl-ghoti tal-promozzjonijiet indikati.

Ra l-lista tax-xhieda tal-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
Illi r-rikorrentipprezenta affidavit u fih semma li kien dahal mal-Bank of Valletta fl-1976 bhala skrivan wara ezami pubbliku. Tul l-impjieg tieghu ghamel diversi korsijiet u ottjena diversi kwalifiki li semma dettaljatament. Hu hadem f' diversi ferghat u ma' diversi managers li fahhru l-inizjattiva u l-professjonalizmu tieghu. Bejn l-1988 u l-1991 hadem ukoll f' dipartiment specjalizzat tal-bank. Hu kien attenda kors tal-Lotus 1-2-3 u introduca s-sistema ta' spreadsheet li hadet post is-sistema antikwata li kienet tintuza. Dak iz-zmien kien imsejjah biex jaghmel xoghol ta' "Visiting Instructor" fuq il-Forward Contracts gewwa c-

Centru ta’ Tahrig ta’ l-istess Bank. L-iStaff Appraisal Reports tieghu dejjem kienu tajbin hafna u l-inizjattiva tieghu dejjem giet imfahhra. Matul l-impjieg tieghu gie moghti diversi promozzjonijiet u f’Marzu 1987 gie appuntat Assistant Manager. Fit-8 ta’ Mejju 1990 thabbru promozzjonijiet minn Assistant Manager ghal Manager I u r-rikorrent ma giex promoss. Semma lil Ray Aquilina, Ray Azzopardi, Ray Azzopardi, Philip Micallef u Charles Pearsall u qal li skond il-kriterji stabbiliti tal-Bank li huma aptitude, merit, qualifications, experience u seniority hu kellu vantagg fuqhom. Sostna li kellu kwalifiki iktar minnhom kif ukoll anzjanita` fil-grad ta’ Assistant Manager. F’Novembru 1992 gie promoss ghal Manager I li llum il-gurnata huwa maghruf bhala Manager B. Izda sostna li hu xorta wahda kien bata minn nuqqas ta’ promozzjoni ta’ Manager I fl-1990 ukoll minhabba r-riperkussjonijiet ta’ promozzjonijiet sussegwenti.

Xehed Karmenu Vella Segretarju tat-Taqsima PSS tal-GWU. Qal li jaf bil-kaz tar-rikorrent u qal li fil-promozzjonijiet ta’ l-1990 ir-rikorrent kien mar ghandu bhala Segretarju tat-Taqsima u wara stharrig li sar bhala union kienu ta’ l-opinjoni li r-rikorrent kellu jigi promoss minhabba l-merti li kellu. Il-union kienet talbet lil Management jirrivedi l-promotion exercise kif ukoll jirrimedja ghalih. Il-Management baqa’ ma jridx jirrimedja u fid-19 ta’ Mejju 1990 giet ordnata azzjoni industrijali. Fl-1992 hargu promozzjonijiet minn Assistant Manager ghal Manager I u r-rikorrent kien gie promoss. Kompla jghid li fl-ahhar ta’ snin 80 kien hemm agreement fejn il-grad ta’ Assistant Manager kellu jigi phased out. Kien hemm ukoll promozzjonijiet minn Supervisor II ghal Manager I.

Xehed Dennis Busuttil Manager fil-Personnel Department. Qal li r-rikorrent kien l-assistent tieghu minn Mejju 1992 sa Gunju 1994 meta kien Manager f’Haz-Zebbug branch. Kien kuntent hafna bix-xoghol tar-rikorrent kemm bhala amministrazzjoni kif ukoll bhala dixxiplina fuq il-haddiema l-ohra. Ir-rikorrent kellu esperjenza fis-settur tal-advances u l-klijenti li kienu jiddiljaw mieghu kienu jghaddu kummenti favorevoli fir-rigward tieghu. Ir-rating li kien ta lir-rikorrent kien Good. Kellu diversi assistenti ohra li

kienu tajbin daqs ir-rikorrent. Qal li kien hemm hafna nies li huma validi u ma jiehdux promozzjoni minhabba li n-numru huwa limitat.

<u>Joseph V. Gatt</u> ipprezenta affidavit u fih semma li jokkupa l-kariga ta' General Manager (Strategy) fil-Bank of Valleta p.l.c. u parti mir-responsabbilitajiet li jaqghu tahtu huma r-Rizorsi Umani tal-Bank kollu. Spjega li ezercizzju ta' promozzjonijiet ghall-grad partikolari jigi stigat principalment ghaliex u meta tinhass il-htiega li jimtlew postijiet vakanti f'dak il-grad. Dawn il-postijiet vakanti gew kkrejati normalment minhabba jew ghaliex ikunu rtiraw jew irrizenja xi ufficjali f'xi grad jew gradi u allura jkunu jridu jimtlew il-postijiet vakanti li jkun hallew jew minhabb al-espansjoni tal-operazzjonijiet tal-Bank. Qal li minn Mejju 1987 lil hawn il-Bank zied madwar 500 impjegat fil-gradi white collar. Meta jkunu se jimtlew numru ta' vakanzi jitwaqqaf promotions board. Dan il-Bord ikollu l-inkarigu li jwettaq l-ezercizzju mill-bidu sat-tmiem u wara li jkun lestieh iressaq ir-rakkomandazzjonijiet tieghu lill-Kumitat Ezekuttiv tal-Bank sabiex dan il-Kumitat japprova n-numru ta' promozzjonijiet mehtiega skond il-gradwatorja (order of merit) pprezentata lilu mill-Promotions Board. Il-Promotions Boards generalment ikunu komposti minn ufficjali gholja tal-bank, li jistghu jinkludu c-Chairman, General Managers, Assistant General Managers u jew Senior Managers. Normalment aktar ma' l-ezercizzju jkun ghall-promozzjonijiet ghall-gradi gholja aktar il-Promotions Board ikun kompost minn ufficjali gholja. Zied ighid li ma tesizti l-ebda regola miktuba dwar kif ghandhom ikunu komposti il-Promotions Boards. Il-Bank, imma, generalment dejjem mexa fuq dan il-principju.

Kull Promotions Board huwa marbut illi jevalwa u jassesa l-kandidati li jkunu eligibbli ghal dak l-esercizzju partikolari skond il-kriterji stabbiliti fil-Ftehim Kollettiv. Il-klawsola fil-Ftehim Kollettiv tghid: ***"When effecting promotions, the Bank shall be guided by aptitude, experience, merit, qualifications and seniority, not necessarily in that order"*** u dan ghal ragunijiet ovvji ghax per ezempju Experience u Merit f'kaz ta' ezercizzju ta' promozzjonijiet ghal gradi ghojin bhal dawk ta' Senior Manager u aktar 'l

fuq, il-wieghting li tinghata ghalihom tkun aktar minn dik moghtija ghall-Qualifications.  Minn naha l-ohra l-kriterju tal-qualifications jinghata wieghting aktar gholi f' ezercizzju ta' promozzjonijiet ghal gradi t'isfel e.g. Signatory B u Signatory A.

F'kull ezercizzju allura, wara li l-membri tal-promotions Board jilhqu ftehim bejniethom dwar kif ghandhom ikunu l-weightings ghal kull wiehed mill-hames kriterji msemmija fil-Ftehim Kollettiv, kull membru tal-board separatament jifli l-personal Files ta' kull kandidat u jaghti l-marka tieghu ghal kull wahda mill-kriterji.  Il-marki ghall-Merit, Aptitude u Experience iridu johorgu mill-Personal File, fejn wiehed jara l-Annual Performance Appraisals, kif ukoll minn informazzjoni ohra li l-Promotions Board jisa jkollu fuq il-kandidat.  Dawk ghall-qualifications u Seniority ikunu diga gew miftiehma u maqbula qabel mill-membri tal-Promotions Board, ghaliex fuq dawn naturalment m'hemm l-ebda suggettivita`.

Ghalkemm m'huwiex marbut il-Bank jista' jiddeciedi li f'xi ezercizzji partikolari ta' promozzjonijiet jaghmel ukoll Interview.  Generalment dawn ikunu f'kazi ta' promozzjonijiet ghall-gradi t'isfel.  L-Interview iservi sabiex jghin aktar lill-membri tal-promotions board li jsiru jafu aktar lill-kandidati mill-vicin, mentri fil-kaz ta' promozzjonijiet ghall-gradi ghojin dan ma jkunx hemm bzonnu ghaliex peress li l-kandidati jkollhom hafna snin servizz, normalment l-membri tal-Board ikunu jafuhom bizzejjed u ma jkunx hemm bzonn ukoll tal-Interview. Ghalhekk meta ssir l-Interview, tigi allokata wkoll marka ghaliha, bhala parti mill-100 marka massimu li kull kandidat jista jinghata minn kull membru tal-Bord.

Wara li kull membru tal-Promotions Board ikun fela u assessja l-Personal Files ta' Kull kandidat u jkun ta l-punteggi tieghu (kif ukoll l-marka ghall-Interview meta din issir), jigu aggregati l-punteggi li kull membru tal-board ikun ta' lill-kull kandidat u tinhareg l-Order of Merit li minnha jinghataw il-promozzjoni dawk il-kandidati li jidhru fil-lista (Skond l-order of Merit) skond in-numru li jigi deciz finalment mill-Kumitat Ezekuttiv tal-Bank.

In-numru ta' dawk li jigu promossi f'kull ezercizzju jkun dejjem relattivament zghir meta mqabbel man-numru totali ta' kandidati li kienu eligibbli ghaliex in-numru tal-impjegati tal-Bank huwa konsiderevolment qawwi u ghalhekk anke f'kull grad wiehed isib numru konsiderevoli ta' impjegati. Fil-Bank tesizti gerarkija ta' gradi li tiehu l-forma ta' piramida jigifieri aktar ma titla 'l fuq aktar ikunu ftit il-postijiet vakanti. Is-sistema prezenti ta' kif jinghataw il-promozzjonijiet fil-Bank ma kienetx hekk minn dejjem imma evolviet matul is-snin u dan proprju sabiex issir dejjem aktar trasparenti. Fil-fatt kien f'Marzu tal-1992 li ghall-ewwel darba l-bank kien beda jadotta sistema gdida li johrog sejha ghall-applikazzjonijiet meta jkun ser isir ezercizzju ta' promozzjonijiet u imbaghad wara jsiru l-Interviews.

Rigward il-promozzjonijiet ta' l-20 ta' Lulju 1987 (Personnel Circulars Nos. 38/87 & 39/87), il-Bord tad-Diretturi meta approva dawn il-promozzjonijiet kien iddikjara: ***'The purpose of the promotions was to rectify the grave injustices suffered in the past by the individuals in question, insofar as promotions were concerned.'***

Minn xi sitt snin 'l hawn, il-Bank beda wkoll jadotta sistema ta' Counselling interviews, jigifieri kull impjegat li ma jkunx gie moghti promozzjoni jekk irid jista jitlob li jiltaqa ma ufficjal gholja tal-Bank sabiex jiddiskuti kif ikun mar f'dak l-ezercizzju. Dawn il-Counselling Interviews intlaqghu tajjeb hafna ghaliex l-impjegat ikun jista jaghraf f'liema kriterju jewkriterji huwa jkun mar l-aktar hazin u allura jkollu l-opportunita` sabiex jahdem sabiex ittejjeb il-performance tieghu u b'hekk ittejjeb konsiderevolment ic-cansijiet tieghu thal esercizzju ta' promozzjoni sussegwenti. Fuq talba tal-Unions il-Bank qieghed ukoll jinghata t-total ta' marki lil jkun gab l-anqas wiehed minn dawk li jkunu gew promossi u b'hekk l-impjegat ikun ukoll jista jaghmel il-benchmarking u jara kemm kien il-boghod milli jiehu l-promozzjoni. Spicca biex jghid li l-Bank dejjem mexa mal-Ftehim Kollettiv.

In kontro ezami qal li hafna drabi kien ikun jifforma parti mill-bord tal-promotions.  Kompla jghid li kien jifforma parti mill-bord fil-promozzjonijiet tal-1990.  Kienu ltaqghu l-membri tal-bord, analizzaw il-files tal-individwi u mbaghad fl-ahhar hargu lista tan-nies li kienu ser jiehdu l-promozzjoni.  Din il-lista ghaddewha lill-Executive Committee li accettaha in toto.  Qal li l-kriterji li ntuzaw huma dawk il-hamsa mnizzlin fil-ftehim kollettiv.  Qabel l-1992 l-promozzjonijiet kienu dejjem isiru b' dan il-mod u cioe` li l-bord jiltaqa' u janalizza l-files u jaghmel ir-rakkomandazzjonijiet.  Qal li l-bord ikun oggettiv kemm jista' jkun izda element ta' soggettivita` dejjem se jkun hemm.  Ir-rikorrent ma kienx wiehed minn numru zghir li rrakkomandaw ghall-promozzjoni.

Qal li l-marki li naghataw lir-rikorrent u lill-persuni l-ohra fil-promozzjonijiet tal-1990 ma jistghux jigu kontrollati.  L-uniku dokument li jista' jkun hemm huwa l-lista tan-nies li nghataw il-promozzjoni ghax sa dak iz-zmien l-ezercizzju ma kienx ikun maghmul b' mod formali.

Qal li aktar ma l-vakanza tkun gholja fil-grad anqas jinghataw importanza l-kwalifiki u s-seniority u aktar tinghata importanza lill-mertu u kriterji ohra.  Kull darba li jsir promotion exercise kien jikkaguna rewwixta minhabba li persuni li ma jkunux gew promossi kienu xorta jhossuhom li kellhom jinghataw promozzjoni u allura mbaghad kien gie deciz li mill-1992 'il quddiem l-ezercizzju jsir b' mod aktar formali u dokumentat bid-diversi marki li jinghataw lill-kandidati.  Hass li b' dan il-mod ikun hemm aktar trasparenza u l-Management ikun jista' jipprova aktar l-oggettivita` tieghu.

Qabel li fil-promozzjonijiet tal-1990 u dawk kollha antecedenti kien hemm nuqqas ta' dokumentazzjoni fir-rigward ta' promotion exercise komparat ma' dak li jsir illum.  Qal li fejn kien involut hu dejjem dehrlu li ma kienx hemm nuqqas ta' oggettivita`.  Eskluda li kien iqis persuna ma' liema trade union ikun membru jew x' kien il-kulur politiku tieghu.

Ikkonferma li kien hemm perjodu ta’ zmien li baqa’ sejjer sal-1997 li fih l-Assistant Managers kien qed jigi phased out. Ikkonferma li r-rikorrent ma hax il-promozzjoni mal-ewwel lot izda mat-tieni wahda. Kompla jghid li mieghu fil-bord kien hemm Hubert Caruana, Rene Formosa u Frank Scerri De Caro. Qal li lil dawn il-persuni jafhom bhala persuni oggettivi fuq xogholhom u persuni onesti. Rigward il-fatt li jistax ikun hemm riperkussjonijiet fuq ir-rikrorent peress li ha l-promozzjoni fl-1992 flok fl-1990 qal li effetti jkun hemm ghax il-Bank jikkunsidra seniority in the grade pero` dawn mhumiex kbar. Qal li kieku r-rikorrent ha l-promozzjoni fl-1990, fl-1992 seta’ jkun eligibbli ghall-grad li jmiss.

Xehed <u>Alfred Pace</u> rapprezentant tal-bank li pprezenta diversi dokumenti fosthom ic-cirkolari 24/90 dwar il-promozzjonijiet u senjatament dawk ta’ Assistant Manager ghal Manager 1 a fol 53. Dokument iehor juri d-diversi promozzjonijiet li ha r-rikorrent (Personal Profile Report fol 70) u l-kwalifiki li ghandu. Il-lista tal-kwalifiki harget mill-computer u allura dawn jidhru “as of today”. Bejn l-1990 u l-1997 kien hemm xi erba’ promotion exercises li fihom il-grad ta’ Assistant Manager kien qed jigi phased out, u dan a bazi tal-ftehim kollettiv tal-1988. Il-promotion exercise li qed jilmenta minnu r-rikorrent huwa l-ewwel wiehed tas-serje. Wara l-promozzjonijiet tal-1992 kien ghad hemm numru ta’ Assistant Managers li riedu jigu phased out u kienu saru promotion exercises ohra wara l-1992. Abbazi tal-ftehim li kien sar mal-union f’ dawn il-promotion exercises kienu qed jinhatru mill-anqas 60% mill-Assistant Managerial Grade u massimu ta’ 40% minn Supervisor 2.

Qal li sal-1990 s-sistema kienet li meta l-Kumitat jiltaqa’ janalizzaw bejniethom il-kandidati kemm ghandhom jinghataw ghad-diversi kriterji mnizzlin fil-ftehim kollettiv. Fl-1992 inbidlet is-sistema u wiehed jkun jista’ jara kemm inghataw marki ghal kull kriterju. Sal-1990 ma hemmx records halli jkunu jistghu jigu analizzati kif inghataw il-marki individwali ghal diversi kriterji. Mill-1992 l-Bank iddecieda li jkun hemm tibdil u li tibda tinhareg sejha ghall-applikazzjonijiet. Mill-1992 hemm kollox recorded fir-rigward ta’ promozzjonijiet.

**KONKLUZJONIJIET:**
Illi ghalhekk jirrizulta li r-rikorrent qed jilmenta mill-fatt li ma lahaqx Manager I minn Assistant Manager fl-1990 izda li fil-fat hu ha din il-promozzjoni fl-1992. Il-Bank isostni li r-rikorrent ha accellerated promotions ripetutament u ma kienx possibbli li jiehu promotion ohra fi zmien daqshekk qasir. Minn naha tieghu r-rikorrent sostna li hu kellu seniority aktar u kwalifiki aktar minn xi whud li hadu l-promozzjoni. Ir-rikorrent sostna li qabzuh Ray Aquilina, Ray Azzopardi, Ray Azzopardi, Philip Micallef u Charles Pearsall. Sostna li kellu aktar seniority u kwalifiki minnhom.

Irrizulta b' mod car li r-rikrorent huwa haddiem kapaci u dedikat u infatti dwar dan xehdu diversi nies. Irrizulta wkoll li ma kien hemm ebda policy kontra r-rikorrent tant li l-promozzjoni li ma hax fl-1990 hadha fl-1992.

Fil-kawza Anthony Scicluna vs Chairman Bank of Valletta deciza fis-27 ta' Ottubru, 1998 it-Tribunal qal:

"Issa fil-fehma ta' dan it-Tribunal, is-Seniority ghandha piz kbir hafna fl-ghoti tal-promozzjonijiet u ghandha ma tigix meqjusa biss meta jirrizultaw b'mod car u inekwivoku jew kwalitajiet posittivi ohra f'xi individwi ohra li jiggustifikaw li persuna / persuni ghandha taqbez lil min imissu skond is-seniority, jew kwalitajiet negattivi f'dak li jkun imissu l-promozzjoni [skond is-seniority] li jiggustifikaw li dik il-persuna ma tinghatax il-promozzjoni. Altrimenti naslu fi stadju fejn jirrenja suprem il-favoritizmu favur xi individwi ghal ragunijiet diskriminatorji (u ghalhekk kontra l-Kostituzzjoni)." [Ara wkoll George Debono vs Brigadier AFM 28/10/98].

Izda biex it-Tribunal ikun jista' jsib li fil-fatt saret ingustizzja meta r-rikorrent inqabez mill-persuni li hu indika jrid jirrizultalu car meta dahal ir-rikorrent mal-bank u meta dahlu l-persuni l-ohra u xi kwalifiki kellhom f' kull stadju b' mod li jekk ir-rikorrent precedentement kien qieghed javvanza b' mod qawwi t-Tribunal jifhem dak li sostna l-Bank dwar accellerated promotions. Giet prodotta ghas-

sodisfazzjon tat-Tribunal il-Personal Profile Report tar-rikorrent izda qatt ma giet prodotta dik riferibbli ghall-persuni li allegatament qabzu lir-rikorrent. It-Tribunal ghalhekk ma jistax jasal ghall-konkluzjoni li saret ingustizzja fil-konfront tar-rikorrent u ghal dawn il-motivi jilqa' l-eccezzjoni tal-Bank.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.

--------------------------------TMIEM--------------------------------